INCIDENT STRADALI

DANNI

WEIGHTED AVERAGE

MULTIPLIER

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Marzu 2017**

**Kawza Numru : 13**
**Rikors Guramentat Numru : 105/2008/LSO**

**Spiridione *sive* Dione Zammit (KI164058M)**

**vs**

**Mario Bonello (KI181460M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Spiridione *sive* Dione Zammit (KI164058M) datat 4 ta’ Frar 2008 fejn espona: -

Illi r-rikorrenti kien involut f’incident stradali nhar il-21 ta' April 2005 fi Triq Giuseppi Ellul, Luqa, bejn il-vettura Mazda 323 Station Wagon LAD - 837 misjuqa mir-rikorrent u l-vettura Opel Corsa IAR636 misjuqa mill-intimat;

Illi dan l-incident sehh ghall-habta tad-disgha ta' filghodu, meta r-rikorrenti kien qed isuq il-vettura hawn fuq indikata u l-intimat ghamel manuvra minn Triq Giuseppi Ellul, Luqa biex idur lejn Triq Gavino Camilleri bil-konsegwenza bil-konsegwenza (recte: bil-konsegwenza) li kkaguna l-incident;

Illi r-rikorrent sofra danni fil-vettura tieghu illi giet iddikjarata *beyond economical repair*;

Illi r-rikorrenti minhabba griehi minnu sofferti ghamel zmien ma jistax jattendi ghax-xoghol;

Illi a kawza ta' dan l-incident, ir-rikorrenti soffra griehi ta' natura gravi u qieghed isofri debilita' permanenti;

Illi r-rikorrenti pprezenta ittra ufficjali pprezentata nhar il-21 ta' Frar 2007 (Dok A) fejn talab lill-intimat jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mir-rikorrenti, izda l-intimat baqa' inadempjenti;

Illi saru diversi tentattivi sabiex din il-vertenza tigi rizolta bonarjament liema ftehim ma ntlahaqx;

Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment, illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qieghed jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi dan l-incident stradali sehh a kawza ta' tortijiet imputabbli unikament lill-intimat;

2. Tillikwida d-danni sofferti, kemm dawk ta' *damnum emergens* u *lucrum cessans,* mill-mittenti kkawzati mill-istess incident stradali, anke bil-hatra ta' periti nominandi; u

3. Tordna lill-intimat ihallas dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, inkluz l-ittra ufficjali, flimkien ma' l-interessi legali sad-data tal-hlas effettiv, li hi minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-12 ta' Mejju 2008.

Rat ir-risposta guramentata ta' Mario Bonello (KI181460(M)) datata 25 ta' April 2008 (fol 17) fejn ikkonferma :-

1. Illi, fl-ewwel lok, l-esponenti qatt ma kkontesta l-fatt li r-responsabilita' tal-incident awtomobilistiku hija tieghu u ghaldaqstant huwa ma qieghedx jikkontesta l-ewwel talba attrici salv illi l-ispejjez tal-istess ghandhom jigu interament sofferti mill-atturi.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu fi kwalunkwe kaz jipprova (i) in-natura tad-danni sofferti minnu kemm dawk ta' 'damnum emergens' u/jew ta' ‘lucrum cessans' (ii) illi tali danni talvolta sofferti minnu huma derivanti direttament mill-incident 'de quo'.

3. Illi l-esponenti, *tramite* s-socjeta' ta' l-assigurazzjoni tieghu Citadel Insurance p.l.c., kienet ilha titlob ghal dokumentazzjoni, inkluzi certifikati medici li jiccertifikaw xi debilita' permanenti u ircevuti, a sodisfa ta' dak hawn fuq indikat liema dokumentazzjoni baqghet qatt ma giet prodotta lil tali socjeta' assigurattiva jew lill-esponenti.

4. Illi ghalhekk ukoll l-esponenti huma tal-umli fehma illi huma m'ghandhomx isofru l-ispejjez ta' din il-procedura.

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbali tas-seduta kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presejduta.

Rat is-surroga datata 13 ta’ Frar 2014 biex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti kif hekk illum preseduta

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur datata 14 ta’ Settembru 2016 a fol 178 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonjiet tal-konvenut datata 21 ta’ Novembru 2016 a fol 189 tal-process.

Rat il-verbali kollha mizmuma ghas-seduti inkluz dak tat-Tlieta, 24 ta' Jannar 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Rosemarie Farrugia ghall-attur prezenti u Dr James D'Agostino ghall-intimat. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Marzu 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi qabel xejn jigi premess li din il-kawza giet assenjata lill-Imhallef sedenti b'surroga datata 13 ta' Frar 2014.

Din hi kawza ghad-dikjarazzjoni ta' responsabbilita` u ghal-likwidazzjoni u konsegwentement ghall-kundanna ghall-hlas tad-danni kkagunati lir-rikorrent f'incident stradali li sehh fil-21 ta' April 2005.

Ikkonsidrat li l-intimat ammetta li r-responsabbilita` tal-incident hija tieghu fl-ewwel paragrafu tar-risposta tieghu. Illi ghalkemm giet accettata r-responsabbilta`, baqa' ma ntlahaqx ftehim, u l-qofol tal-kwistjoni quddiem din il-Qorti hi l-likwidazzjoni tal-ammont dovut lir-rikorrent kwantu ghad-*damnum emergens* u *lucrum cessans*.

### Fatti:

L-incident sehh fil-21 ta' April 2005, meta r-rikorrent waqt li kien qed isuq vettura Mazda 323 Station Wagon numru

LAD 837 safa' milqut minn vettura Opel Corsa numru IAR 636 misjuqa minn Mario Bonello waqt manuvra biex idur minn Triq Giuseppi Ellul Luqa lejn Triq Gavino Camilleri, kif jirrizulta mill-premessi tar-rikors promotur u mir-'road accident report' u l-iskizz rilaxxjat mill-Pulizija esebiti a fol 33 sa 36 tal-process.

**Provi:**

**Il-konsulent Eric Farrugia** xehed (fol 49)[1] u qal li wara li ezamina lir-rikorrent fl-isptar, fit-30 ta' Novembru 2005, kien instab li ghandu nuqqas ta' smigh fil-widna tax-xellug minhabba hsara fin-nervitura, u kkonferma li hariglu certifikat fejn gie stabbilit persentagg ta' dizabilita` permanenti ta' 7.6%. Qal li hu wara li fittex in-noti u r-rapport tal-isptar, ma sab li kien hemm l-ebda ilment tar-rikorrent fir-rigward tas-smigh precedentement ghal dan. Qal ukoll, li konsegwentement ghal 'head injury' jista' jkun hemm trauma fin-nervaturi bhal din li qed ibati minnha r-rikorrent.

**Spiridione Zammit** xehed permezz ta' affidavit (fol 70-71) fejn qal li dakinhar tal-21 ta' April 2005, kien qed isuq il-vettura tieghu, meta l-intimat ghamel manuvra li permezz taghha hareg mis-serbut ta' vetturi fid-direzzjoni opposta, qasam it-triq u habat fih peress li gie *wrong side*. Semma li wara l-incident dam jumejn l-isptar, peress li habat rasu mal-impatt. Qal li l-assikurazzjoni kienu baghtuh ghand Dr. Amato, u hu minn jeddu mar kemm ghand Dr. Antoine Zrinzo u ghand Dr. Eric Farrugia li kien iccertifikah li tilef parti mis-smigh mill-widna tax-xellug. Spjega li qabel dan l-

[1] Seduta tat-12 ta' Mejju 2009.

incident qatt ma kellu problema ta' smigh. Qal li wara l-incident hu ma setax jirritorna x-xoghol minhabba sturdamenti u wgigh, ghalhekk il-hanut li kien jiggestixxi kellu jwillieh, u peress li ghandu 53 sena, l-possibilita` li jerga' jahdem hija remota. Hu esebixxa Dok ZS1 u ZS2 rapprezentanti l-introjtu li kellu.

**Spiridione Zammit** xehed ulterjorment (fol 95-96)[2] u qal li recentement, rah il-konsulent Fredrick Zammit Maempel, u kif ukoll il-konsulent Zrinzo. Spjega wkoll li wara l-incident, hu ma jistax jgholli ghonqu minhabba ugigh li beda jhoss kif ukoll sturdamenti u ugiegh ta' rasijiet u ghalhekk kellu jabbanduna x-xoghol li kellu bil-hanut tal-laham.

In **kontro-ezami** qal (fol 164-168)[3] li mal-incident hu habat il-parti tal-lemin ta' quddiem ta' rasu. Qal li kien mar ghand il-konsulent Zrinzo u kien mar ukoll it-tabib Eric Farrugia minhabba s-smigh u l-ugigh li kien qabdu f'ghonqu. Qal li offerti mill-assikurazzjoni sarulu tnejn, tal-ahhar kienet recenti fejn gie offert seba' mitt ewro. Semma wkoll li l-assikurazzjoni kienet baghtitu ghand it-tabib Amato u sussegwentement kellu jerga' jmur ghand l-istess tabib ghal vista mediku ohra ghaliex ir-rapport kien intilef. Dwar ix-xoghol ta' barman, qal li dak ma kienx xogholu, izda t-tifel kien jiehu hsieb il-kazin tal-futboll, u hu kien imur hemm ukoll, izda kien fuq ibnu u mhux fuqu.

**Duncan Debattista** xehed (fol 91-92)[4], qal li huwa Manager tal-Malta Claims Department, u kkonferma li kien hemm korrispondenza biex ir-rikorrent jigi assessjat minn

[2] Seduta tal-25 ta' Jannar 2012.
[3] Seduta tas-16 ta' Frar 2015
[4] Seduta tat-3 ta' Novembru 2011

esperti medici, u ghandu jigi assessjat minn zewg esperti medici differenti.

**Dr. Marcel Martinelli** xehed (fol 107-109)[5] fejn qal li baqa' jsegwi lir-rikorrent wara l-incident f'diversi visti medici. Spjega li wara l-incident, l-ewwel mar l-isptar, izda sussegwentmeent mar ghandu biex jaghmillu certifikati medici peress li ma kienx f'qaghda li jmur ghax-xoghol. Qal li r-rikorrent kellu diversi xoghlijiet, kien bil-hanut tal-laham u kien ukoll barman. Qal li qabel l-incident qatt ma kien mar ghandu b'ilmenti ta' sturdamenti u wegghat.

**Dr. Nadine Attard** xehdet (fol 161-163)[6] fejn qalet li hi avukat ma' Citadel Insurance plc u l-*claim* infethet fit-2 ta' Mejju 2005. Fejn kien gie appuntat *surveyor* biex jara l-vettura. Izda, fil-11 ta' Mejju 2005, rcevew ittra minghand l-avukat tar-rikorrent fejn gew infurmati li kien hemm 'body injury' ghalhekk, gie appuntat tabib. Izda spjegat li l-kaz ma nghalaqx ghaliex ma rcevew l-ebda indikazzjoni dwar debilita` permanenti, u lanqas ma waslu ricevuti jew prospett ta' danni. Illi hija esebiet dokumenti li juru li min-naha tac-Citadel kienet qed titlob lir-rikorrent dak li hi ghadha kif xehdet fuqu li l-assikurazzjoni kellha bzonn.

**<u>Rapporti medici:</u>**

B'digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta, tal-5 ta' Novembru 2008 gie nominat l-espert mediku Mr. Charles Grixti bhala perit mediku (fol 42) u r-rapport tieghu jinsab esebit a fol 57 *et sequitur* tal-process.

[5] Seduta tas-27 ta' Settembru 2012.
[6] Seduta tas-16 ta' Frar 2015.

Illi f'dan ir-rapport, l-espert mediku nominat mill-Qorti ikkonkluda li r-rikorrent minkejja li ghadda z-zmien baqa' b'limitazzjonijiet fil-moviment ta' ghonqu, parti kkagunati minn artrite li kellu f'ghonqu fiz-zmien tal-incident u parti kagunat mill-moviment sfurzat meta ntlaqat mill-vettura fl-incident. Ghalhekk, gie meqjus, li d-dizabilita` li sofra r-rikorrent sforz tal-incident tammonta ghal erbgha fil-mija (4%), liema persentagg, gie ddikjarat li ma jinkludix l-ilment ta' sturdamenti u nuqqas ta' smigh fil-widna.

Ghaldaqstant, b'digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tad-9 ta' Lulju 2013, giet nominata l-espert mediku Dr. Elaine Pace Balzan (fol 128) u r-rapport taghha jinsab esebit a fol 148 *et sequitur* tal-process. Illi l-espert mediku, kkonstatat, li fl-istadju tal-incident l-istima ta' dizabilta' minhabba nuqqas ta' smigh fil-widna tax-xellug kienet ta' 22%. Din id-dizabilta' tidher li originat minn *contrecoup injury.*

Kompliet li wara testijiet ricenti (28 ta' Marzu 2014) li saru lir-rikorrent, n-nuqqas ta' smigh fil-widna tax-xellug kompla zdied u hemm ukoll nuqqas ta' smigh fil-widna tal-lemin, u mit-testijiet li sarulu gie stmat li hu ghandu dizabilita` ta' erbgha u hamsin fil-mija (54%) minhabba nuqqas ta' smigh.

Referibbilment ghal dak li ntqal mill-istess espert mediku, u cioe`:-

“*Kieku is-smigh fil-widna tax-xellug naqas bl-istess rata ta’ dak fil-widna tal-lemin id-dizabilita` kienet tkun stmata bhala 44%.*

*Ghalhekk fil-prezent Spridione Zammit qed isofri minn dizabilita` li hija 10% aktar minn dik li x’aktarx kien ikollu kieku ma garax dan l-incident”*;

Irid jinghad li dawn l-affermazzjonijiet huma ghal kollox ipotetici, u ma jista’ jigi accertat xejn f’dan ir-rigward *stante* li ma jirrizulta mkien mill-atti li r-rikorrent kellu problemi fis-smigh precedentement ghall-incident.

Madanakollu dan ir-rapport mhuwiex soddisfacjenti billi huwa ambigwu fil-konkluzjoni tieghu. Dwar dan l-ebda wiehed mill-partijiet talab kjarifika u filwaqt li r-rikorrent qed jakkampa fuq rata ta' dizabilita’ ta' 54% l-intimat interpreta dan ir-rapport f'rata ta' dizabilita’ ta' 10%.

Din il-Qorti ma tistax takkolji din is-sottomissjoni tal-intimat peress li fiz-zmien tal-incident ir-rata kien gja 22% kif jirrizulta mill-istess rapport ta' Dr Elaine Pace Balzan, u kompla jaggrava.

Illi dwar dan il-Qorti m'ghandha l-ebda prova ta' kawzalita' bejn l-incident u d-debilita' riskontrat fil-widna l-leminija. Anzi skont l-istess esperta fiz-zmien tal-incident is-smigh fil-widna l-leminija kienet normali.

Ghalhekk ser taccetta 44% bhala r-rata ta' dizabilita' fil-widna ix-xellugija.

**Konsiderazzjonijiet ta' dritt:**

L-**Artikolu 1045 (1) tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi li *"il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha…..hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gib direttament lill-parti li tbati l-hsara l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u t-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib."*

Is-subartikolu (2) ighid li: *"Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati hsara."*

Skont il-ligi taghna, l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'zewg aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegh futur (*lucrum cessans*).

Illi tali regoli gew supplementati u interpretati bil-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** – A.C. dec. fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat l-origini ghal hekk imsejha *multiplier system*, li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar recenti peress li, kif intqal fil-kawza **"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"** – A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983, *"Ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu."*

Ghalhekk, il-Qrati taghna rritenew li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli u inqas rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti ***f' Butler vs Heard.*** Hekk gie ritenut li ghandhom juzaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi. – **"Savona vs Asphar"** App. deciz fit-23 ta' Gunju 1952; u li "*ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut*." ("**Emanuel Mizzi vs Carmel Attard**":- 13.5.2003); u li "*dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`.*" – **"Francis Sultana vs John Micallef et noe et"** – Appell deciz fl-20 ta' Lulju 1994.

Madankollu, fil-kaz **"Paul Debono vs Malta Drydocks**" P.A. deciza fis-27 ta' April 2015, intqal:

"*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valwati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l-inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti dannegjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja."*

**Multiplier**

Il-kwistjoni tal-*multiplier* li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qliegh li jinghata d-dannegjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati taghna f'dawn l-ahhar zminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bhala:

"*A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases*." **(Peter Cane, Atiyah's accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).**

U ghalhekk, il-*multiplier* irid jinkorpora fih dak l-element tal-kontingenzi tal-hajja - '*chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'*. Fil-kaz "**Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace**" Appell deciz fil-5 ta' Marzu 1986) gie ritenut:

*"In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-dannegjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk*

*jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes of life'. Il-multiplier gie definit kif gej:*

'*In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income*.' (**The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228**).

Gie stabbilit li l-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garbet il-griehi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri**) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.

Minbarra dan il-bixra ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qeghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu ifixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier*, fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20) sena. Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-incident[7]. Illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.[8]

---

[7] "**Borg pro et noe vs Muscat**" P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.

[8] Ara "**Mary Bugeja noe et vs George Agius noe**" – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P.A. 16 ta' April 1991); "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon"** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.

Dwar il-qies tal-*multiplier* jkun xieraq li wiehed jaghmel referenza wkoll ghal dak li hu mghallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jinghad li:

"*The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependents…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependents will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death…..*" (**Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).**

Illi minn ezami tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna jirrizulta li l-*multiplier* adoperat kien varja u kien ta' :-

- 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004;
- 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967;
- 15-il sena fuq persuna ta' 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970;
- 18 fuq persuna ta' 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982;
- 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999;

- 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991;
- 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980,
- 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004;
- 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998;
- 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov- 2003;
- 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004;
- 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005;
- 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3- Dic-2004;
- 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' *Multiplier*. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' *multiplier* kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija] proprju minnhabba l-kontingenzi tal-hajja (*chances and changes of life).*

**Tnaqqis minhabba *lump sum payment***

L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-*lump sum payment* b'ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkun ghadda zmien qasir mill-avveniment dannuz u s-sentenza finali (**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju, 2001).

Fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**." (P.A. (JSP) deciza fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:

*"Fir-rigward ghal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal 'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data."*

Aktar recentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz **"Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri"** deciza fis-27 ta' Frar 2004, irrabadiet li "*Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv."*

Skont kriterju li gie elucidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament preseduta fil-kaz **"Jos Agius vs All Services Ltd."** (P.A. TM 1809/01 deciza fit-2 ta' Gunju 2005) "*f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawza*

*ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza."*

Izda, gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawza, dan ghaliex "*jekk id-dannegjat ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction".* (Ara "**Agius vs Fenech**" P.A. deciza fid-29 ta' Ottubru 2003, "**Sylvester Tabone vs Carmen Abela"** P.A. deciza fil-25 ta' Novembru 2013 u **"Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd**." P.A. deciza fit-12 ta' Novembru 2012).

**Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami**, din il-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet. L-ewwel li jrid jigi determinat hu l-persentagg ta' dizabilita` li sofra r-rikorrent. Hawnhekk, il-Qorti ser taccetta r-rata ta' 4% minhabba danni fl-ghonq u 44% ghan-nuqqas ta' smigh.

***Weighted Average***

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-Qorti trid tevalwa l-aspett ta' "*Lucrum Cessans*" u '*Combined Values'* meta tigi biex tistabbilixxi l-persentagg ta' dizablita` totali ta' persuna, jekk kawza tal-incident, ikunu rrizultaw diversi debilitajiet. Irid jigi sottolineat, li l-komputazzjoni maghduda fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, fejn gew maghduda z-zewg persentaggi flimkien, imur kontra dak adoperat recentement fil-gurisprudenza nostrana, billi l-Qrati taghna, f'sitwazzjonijiet simili, bdew jadoperaw dak imsejjah bhala "*weighted average".* (Ara **Mario Theuma et vs All Services Ltd.**, P.A. deciza fl-4 ta' Lulju 2006, **James Spiteri vs Joseph Magro et**, P.A. deciza fl-24 ta'

Jannar 2011, **Anne Fiona Dowling vs Paul Caruana**, P.A. deciza fit-2 ta' Frar 2007).

Ghaldaqstant, id-dizabilita` totali trid tigi kkunsidrata in relazzjoni ghal persuna, bhala entita` fizika wahda minghajr ma jigi prezunt li l-multiplicita' ta' debilitajiet jigu komputati komplessivament sabiex tohrog id-dizabilita` reali li wiehed ikun sofra minnhom. Difatti, jekk il-persentaggi jigu maghduda flimkien, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni assurda li f'xi kazijiet ikun hemm debilita` permanenti ta' aktar minn mija fil-mija.

Fil-ktieb **Munkman's** "*Damages for Personal Injuries and Death*" (11th Edit. Pag51) hemm referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Ingliza (Brown vs Woodall, 1995) fejn gie osservat:

"*I respectfully agree that the learned judge's approach of adding up the various figures for the awards that he thought appropriate and the various different injuries could well lead one to an award which, compared with other awards, is in the aggregate, larger than is reasonable. In this type of case, in which there are a number of separate injuries, all adding up to one composite effect upon a plaintiff, it is necessary for a learned judge, no doubt having considered the various injuries and fixed a particular figure as reasonable compensation for each, to stand back and have a look at what should be the aggregate figure and ask if it is reasonable compensation for the totality of the injury to the plaintiff or whether it would, in the aggregate, be larger than was reasonable?*"

F'dan l-aspett, huma relevanti hafna d-decizjonijiet moghtija mill-Qorti tal-Appell, fil-kazijiet **Liliana Farrugia vs Gauci Francis** deciza fit-28 ta' Marzu 2014, u **Brian Micallef vs Brian Tyre Services Limited et**, deciza fil-31 ta' Jannar 2014, fejn fl-ewwel kaz gie ritenut:

"*…..f'dan il-kaz gew mahtura zewg esperti medici li rrelataw dwar diversi aspetti tal-hsara li sofriet l-attrici. Skont il-gursprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' dizabilita` permanenti, ghandu jigi adoperat il-kriterju maghruf bhala "weighted average" fejn id-diversi gradi ta' dizabilita` permanenti rizultanti jigu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fizika shiha minghajr ebda prezunzjoni a priori li l-multiplicita` tal-feriti jigu komputati komplessivament (Ara Sant vs Debono deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Lulju 2007). Bil-"weighted average" ghandu jittiehed bilanc tar-rizultanzi tal-esperti medici biex dan ikun jirrifletti ahjar is-sitwazzjoni reali tad-danneggjat (ara Cassar Pullicino noe et vs Xuereb et deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Frar 2009).*"

F'dawn iz-zewg kazijiet sucitati, l-Qorti tal-Appell irriformat is-sentenza tal-Prim' Istanza, li kienet ghaddiet il-persentaggi flimkien u mhux ikkunsidrat *"weighted average"*. Fl-istess kazijiet, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-fatt iccitat lil **Guido Gentile**, "Problemi insoliti nella Valutazione del danno della persona" (Ediz. 1951 pagna 311);

*"la valutazione del danno in caso di lesioni multipli non risulta dalla somma dei coefficiente delle single lesioni, sebbene da un coefficente unico, rapportato, nel suo inxieme, all'entita` unitaria dell individuo."*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, ma tistax tikkondividi lanqas dak sostnut fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat, dwar il-komputazzjoni tad-debilita` permanenti *stante* li din hija bbazata fuq interpretazzjoni erronja ta' dak sottomess fir-rapport tal-Perit Mediku Elania Pace Balzan kif gja spjegat iktar 'il fuq.

Il-Qorti tqis illi l-esperti medici ghamlu stima ghal rashom ghal kull aspett ta' dizabilita'. F`kazijiet bhal dawn, ghandu jigi adoperat dak maghruf bhala "weighted average". Meta wiehed jikkomputa d-dizabilita` totali din trid tigi konsiderata in relazzjoni mal-persuna fizika shiha minghajr ebda presunzjoni a priori li multiplicita` ta` feriti jigu komputati komplessivament. F`kazijiet simili ghandu jittiehed bilanc fir-rizultanzi ta` l-esperti medici biex dan ikun jirrifletti ahjar is-sitwazzjoni reali. Dan qed jinghad fid-dawl ta` dak li osservat din il-Qorti fil-kawza "**Caruana vs Camilleri"**, deciza fil-5 ta` Ottubru, 1993, fis-sens illi "*dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta` nkapacita` f`sens purament mediku, izda l-effetti li l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggjat izda ghandu jigi kkonsidrat il-principju tal-weighted average li ghandu japplika f'kazijiet simili.*" [9]

Illi gie relatat li r-rikorrent qed ibaghti minn nuqqas ta' smigh fiz-zewg widnejn izda din il-Qort gja ikkonstatat li ma jirrizultalhiex ness ta' kawzalita' fir-rigward tal-widna l-leminija. Inoltre wiehed ghandu jqis l-efficjenza globali tas-smigh u dan ifisser li ghalkemm naqas f'widna wahda, xorta kien jisma' mill-widna l-ohra fuq basi ta' kawsalita' bejn l-incident u t-tnaqqis fis-smiegh f'widna wahda.

[9] Ara ad ez. P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet **Maria Debono vs Andrew Vaswani u** P.A. RCP 7.1.2003fil-kawża fl-ismijiet **Paul Bottone vs Rita Saliba et .**

Illi jirrizulta mix-xhieda tar-rikorrent li ghalaq l-attivita' kummercjali tieghu proprju minhabba d-danni subiti f'ghonqu u qatt ma semma' l-impatt tat-tnaqqis fis-smigh fuq il-hajja lavorattiva tieghu. Izda din il-Qorti ma tistax tinjora fattur ovvju li menomazzjoni fis-smigh tnaqqas l-opportunitajiet tieghu fid-dinja tax-xoghol in generali.

**Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, hija tal-fehma li l-persentagg ta' dizabilita' permanenti li l-valur li jkollu effett fuq il-hajja lavorattiva ghandu jkun ta' 35%.**

**Tnaqqis mil-lump *Sum Payment***

Rigward, il-*'lump sum payment'* li trid titnaqqas mill-ammont minhabba z-zmien li jkun iddekorra mill-prezentata tac-citazzjoni u s-sentenza finali, jigi ritenut li ghaddew circa disa' snin. Applikati l-principji succitati jidhrilha li huwa ragjonevoli li ghandha tnaqqas mill-percentwali ta' 20% solitament imposta u minnflok tnaqqas percentwali ta' 8%.

Huwa minnu li kien hemm zmien meta l-provi ma kienux qed jigu mressqa regolarment izda dan kien l-aktar dovut ghat-tentattivi taz-<u>zewg</u> partijiet li jittransigu l-pendenzi bejniethom. Din il-Qorti ma tkunx gusta jekk tistrieh fuq verbal wiehed tal-5 ta' Ottubru 2011 fejn gie rilevat li ma tressqux provi f'zewg seduti ghaliex minn qari tal-verbali fl-assjem taghhom jidher li l-partijiet qablu li jissospendu ghall-fini ta' transazzjoni u inoltre, meta dan ma sehhx, stennew ir-rapport tal-espert Elaine Pace Balzan biex jigu evitati spejjez u proceduri bla bzonn.

**Likwidazzjoni ta' danni:**

***Damnum emergens*:**

Illi kawza ta' dan l-incident, il-vettura tar-rikorrent soffriet hsarat u li l-kumpanija tal-assikurazzjoni tal-intimat kienet offrietlu ammont ta' Lm500 ekwivalenti ghal elf mija u hamsa u sittin ewro (€1,165). Gie esebit Dok NA6 konsistenti f'e-mail ta' Dr. Edmond Zammit Laferla, fejn kien intqal li l-istima tal-hsara tal-vettura tar-rikorrent wara li ra s-*surveyor*, kienet tammonta ghal mhux aktar minn Lm500, u cjoe` elf, mija u hamsa u sittin ewro (€1,165).

Illi jirrizulta li r-rikorrent esebixxa sensiela ta' spejjez rigwardanti visti medici wara l-incident, liema kopji ta' ricevuti huma esebiti a fol 114 u 115 tal-process.

Illi jidher li hemm divergenza anke f'dan l-aspett bejn il-partijiet, li hija wkoll riflessa fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom. Jigi ritenut, li l-e-mail Dok NA6 hija prova sufficjenti li l-kumpanija assikurattrici kienet lesta thallas dan l-ammont ta' hsara stmata fuq il-vettura. Jigi pprecizat, li l-kliem "*not exceeding Lm500*" fl-istess e-mail ma jfissirx li ma kellux jithallas dan l-ammont izda jimplika li ma kellux jithallas aktar minn dak l-ammont. Referibbilment ghal dak sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat, li ma giex ippruvat in-ness ta' kawzalita` mal-incident *de quo*, ghar-ricevuti medici esebiti a fol 114 u 115, jigi osservat li t-tobba mnizzla hemmhekk, Dr. Anthony Zrinzo, bhala Neuro Kirurgu kien diga rrilaxxa r-rapport fir-rigward tar-rikorrent li jinsab esebit a fol 82 *et sequitur* tal-process Dr. AJ Fenech huwa tabib specjalista fuq is-smigh, u hekk kif

gie analizzat fl-2012 (d-data tar-ricevuta medika), sussegwentmenet ghall-incident ir-rikorrent, kien qed ibati mis-smigh.

Ghalhekk, din il-Qorti ma tikkondividix dak sostnut fin-nota tal-intimat u tqies li r-ricevuti medici huma wkoll prova soddisfacenti *stante* li rrizulta mill-evidenza li l-problemi li qed jilmenta minnhom ir-rikorrent huma antecedenti ghall-incident, u d-dati tar-ricevuti medici huma kollha sussegwentement ghall-incident.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tillikwida dan il-kap tad-danni fl-ammont ta' (€1165 + €454.56 **= €1619.56).**

***<u>Lucrum cessans</u>*:**

Fir-rigward tal-*lucrum cessans*, il-Qorti kkonsidrat li mir-rapporti tal-esperti medici nominati, jirrizulta li r-rikorrent kien qed ibati minn diversi limitazzjonijiet. Dan gie kkonfermat mit-tobba li xehdu, kif ukoll minn rapporti medici ta' tobba *ex parte*, fosthom ta' Dr. Anthony Zrinzo (fol 82-83) u rapport ta' Dr. Eric Farrugia (fol 32).

F'dan l-istadju, li jrid jigi meqjus hu li konsegwenza tad-danni fizici li sofra r-rikorrent, kawza tal-incident in kwistjoni, il-potenzjal lavorattiv tieghu gie certament affetwat, billi ma setax ikompli jiggestixxi l-hanut li kellu qabel.

Dwar id-dhul u l-introjtu li kellu r-rikorrent mill-impjieg tieghu bhala *self-employed* bil-hanut li kellu, huwa esebixxa kopji tal-formoli tat-taxxa ghas-snin 2003 u 2004 (Dok SZ1 u Dok SZ2) (fol 21-28), minn fejn jirrizulta li fis-sena 2003 id-

dhul huwa indikat bhala Lm1976 ekwivalenti ghal erbat elef, sitt mija u tnejn ewro, u erbgha u tmenin centezmu (€4,602.84) u Lm2,400 ekwivalenti ghal hamest elef, hames mija u disghin ewro u hamsin centezmu (€5,590.50) b'mod li l-medja tad-dhul ghal dawk is-sentejn precedenti ghall-incident kien ta' Lm2188 ekwivalenti ghal hamest elef, sitta u disghin ewro (€5,096.67). Hawnhekk, jigi ritenut, li din il-Qorti taqbel mal-ammont ta' introjtu indikat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat.

Billi ghaddew 12-il sena mill-incident, il-Qorti tqies li hu ragjonevoli li ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-gholi tal-hajja u ghalhekk ser tiehu bhala bazi dhul annwu ta' €5400 sabiex tinkorpora dan il-fattur.

Illi r-rikorrent twieled fl-1958 u ghalhekk fiz-zmien tal-incident kellu sebgha u erbghin (47) sena. Ir-rikorrent issottometta li l-*multiplier* ghandu jkun ta' hdax (11) filwaqt li l-intimat ikkalkula l-*multiplier* fuq il-medja tal-eta ta' 53-56 snin cioe` sitt (6) snin.

Il-Qorti tqies li l-hajja lavorattiva llum qed titwal u l-eta` tal-irtirar qeghda dejjem tiggebbed u ghalhekk taqbel ma' dak sottomess mir-rikorrent billi l-kalkoli ser isiru fuq *multiplier* ta' hdax-il (11) sena kkunsidrati l-kontingenzi tal-hajja.

Illi dwar il-fatt li, kif ammess mir-rikorrent stess li l-hanut kien wellieh din il-Qorti hija tal-fehma li dan m'ghandux rilevanza ghall-kalkolu tal-*multiplier* billi dak li qed jigi evalwat illum huwa l-impatt tad-danni subiti fuq il-hajja lavorattiva tar-rikorrent. Huwa dejjem kien liberu li jaghlaq il-hanut tieghu, u anke li jwellih u jbiddel ix-xoghol izda

minhabba l-incident, kien evidentement ostakolat fl-ghazliet tieghu ghall-futur.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tillikwida l-ammont dovut lir-rikorrent bhala *lucrum cessans* kif gej:

35% x 11 (*multiplier*) x €5,400 (ammont ta' dhul tar-rikorrent[10]) = €20,790 – 8% (*lump sum payment deduction*) (€1,663.20) = €19,126.80.

Ghaldaqstant, l-ammont dovut ta' *lucrum cessans* huwa dsatax-il elf, mija u sitta u ghoxrin ewro u tmenin centezmu (€19,126.80).

Illi l-Qorti ser tordna li d-danni li ghandhom jithallsu lir-rikorrent jammontaw ghas-segwenti:

| | |
|---|---|
| **Damnum Emergens** | € 1,619.56 |
| **Lucrum Cessans** | €19,126.80 |
| | |
| Total: | **€20,746.36** |

Tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti ma thossx li ghandu jkun hemm temperament fir-rigward tal-ispejjez gudizzjarji li ghandhom jinkombu fuq l-intimat.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi:

[10] Inkluz provvediment ghall-gholi tal-hajja.

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li r-responsabbilta` tal-incident hija tal-intimat, hekk kif ammetta l-intimat stess li r-responsabbilta` mhijiex ikkontestata.

2. Tilqa’ t-tieni u t-tielet talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta’ ghoxrin elf, seba' mija u sitta u erbghin ewro u sitta u tletin centezmu (€20,746.36) u tikkundanna lill-intimat Mario Bonello ihallas lir-rikorrent is-somma ta’ ghoxrin elf, seba' mija u sitta u erbghin ewro u sitta u tletin centezmu (€20,746.36) flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sal-pagament effettiv.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta’ Marzu 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta’ Marzu 2017**